Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 19 ta' Gunju 2025**

**Kump. Nru. 7382/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sarah Kathleen Zerafa**
**Spt. Ritienne Gauci**
**Spt. Kurt Farrugia)**

**Versus**

**Kersten Catania**
**(422191M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Kersten Catania,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 422191M.

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Settembru 2024, gewwa Triq in-Naghal, Marsa u/jew fil-vicinanzi:

1. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dylan Mifsud hekk kif gie ccertifikat minn Dr Falzon, mic-centru tas-sahha ta' Floriana;

2. Kif ukoll talli ghamel lil Dylan Mifsud ingurji jew theddid;

3. Kif ukoll talli volontarjament kiser il-paci pubblika u/jew il-bon ordni b'ghajjat u/jew bi storbju.

U aktar talli fl-istess dati, hin, lokalita' u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, u/jew fl-24 ta' Settembru 2024 u/jew fil-granet ta' qabel, gewwa l- Gzejjer Maltin :-

4. Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Gabriella Vella LL.D. b'digriet moghti nhar is-7 ta' Novembru 2023, li bih ha l-helsien mill-arrest;

5. Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Marse-Ann Farrugia LL.D., b'digriet moghti nhar l-24 ta' Ottubru 2022, li bih ha l-helsien mill-arrest;

6. Ikkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech LL.D. nhar it-8 ta' Frar 2023, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7. Kiser il-provedimenti ta' ordni ta' trattament moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech, datata nhar it-8 ta' Frar 2023, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

8. Kif ukoll, irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Dylan Mifsud u/jew persuni ohra billi jigu applikati l-provedimenti tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provedimenti tal-artikoli 382 u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba tirrevoka s-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, liema somma totali ghandha tigi mghoddija favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Kersten Catania u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat fejn b'digriet hawn fuq imsemmi, kien inghata l-helsien mill-arrest, kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija finalment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Kersten Catania biex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2025, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-*parte civile* Dylan Mifsud iddikjara illi huwa qed jirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli kif ukoll ikkonferma il-waiver mmarkata bhala DOK DM1 a fol. 52 ta' l-atti processwali. In oltre il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi qed tirrinunzja ghall-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2) u tlieta (3) u li mhux qed tinsisti ghall- akkuza numru tmienja (8) u cioe' ir-recidiva.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti **qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3) u tmienja (8)** migjuba fil-konfront ta' l-imputat, u wara li rat Artikolu 7, 31, 412D u 579 (1)(2) tal-Kapitolu 9 u Artikolu 7 u 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lill-imputat Kersten Catania hati ta' l-akkuzi numru erbgha (4), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) u tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija effettiva.**

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**